

32001R0912

L 129/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.5.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 912/2001**ta' l-10 ta' April 2001****li jippreskrivi n-norma għall-marketing tal-fażola**

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix ta' l-ikel⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2001⁽²⁾ u partikolarment l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-fażola hija mniżżla fost il-prodotti mniżżla fil-lista fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2200/96 li għalihom iridu jiġu adottati n-normi. Ir-regolament Nru 58 tal-Kummissjoni li jippreskrivi il-kwalitajiet komuni tal-kwalità għal ċerti prodotti elenkati taħt l-Anness I B tar-Regolament nru 23 dwar l-istabiliment progressiv ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u tal-ħaxix⁽³⁾, skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KE) Nru 2561/1999⁽⁴⁾, kien is-suġġett ta' ħafna amendi u m'għadux jassikura kjarrezza legali.
- (2) Għaldaqstant, ir-regoli in kwistjoni għandhom jiġu żviluppati u r-Regolament Nru 58 għandu jitħassar. Għal dan l-iskop, għar-raġunijiet tat-trasparenza fis-suq dinji, għandu jitqies bħala n-norma għall-fażola rakkomandata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istandardizzazzjoni tal-Prodotti li jmorru u ta' l-iżvilupp tal-Kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/EKE).
- (3) L-applikazzjoni ta' dawn ir-riżultati għandha tirriżulta fli prodotti ta' kwalità mhux sodisfaċenti jitnehew mis-suq, iġibu l-produzzjoni f'linja mal-ħteġġiet tal-konsumaturi u jiffaċilitaw ir-relazzjonijiet kummerċjali bażati fuq il-kompetizzjoni bil-fier, biex b'hekk jgħinu t-titjib fil-qliġh (ta' flus) tal-produzzjoni.
- (4) In-norma huma applikabbli għall-istadji kollha tal-bejgħ fis-suq. Il-ġarr fuq distanzi twal, il-ħażna għal ċertu tul taż-żmien jew it-tqandil bl-idejn jistgħu jwasslu għal deterjorazzjoni minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-

prodotti jew in-natura tagħhom li jmorru. Dan id-deterjorament għandha tiġi meqjusa meta jiġu applikati n-normi fl-istadji tal-bejgħ fis-suq wara li l-prodotti jintbagħat biex jinbiegħ. Ġaladarba l-prodotti tal-klassi "Extra" iridu jingħażlu u jiġu pakkjati b'kura partikolari, huwa n-nuqqas ta' freskezza u ta' kemm ikunu weqfin dawn il-prodotti illi jkunu jridu jttqiesu f'dawn il-każijiet

- (5) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Frott u l-ħaxix ta' l-ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

In-norma għall-bejgħ fis-suq tal-fażola li jidħol fil-kodiċi NM 0708 20 għandu jkun skond l-Anness.

In-norma għandu japplika fl-istadji kollha tal-bejgħ fis-suq, taħt il-kondizzjonijiet preskritti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Madankollu, fi stadji wara d-dispaċċ, il-prodotti jistgħu juru fejn għandu x'jaqsam mad-dispożizzjonijiet dwar il-livell stabbilit:

- n-nuqqas ta' freskezza u ta' kemm ikunu weqfin, u
- għall-prodotti gradati fi klassijiet oħra għajr il-klassi "Extra", deterjorament ħafif minħabba l-iżvilupp u x-xejra tagħhom li jinqerdu.

Artikolu 2

Ir-Regolament Nru 58 jiġi mħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jibda japplika ill-ewwel jum tat-tielet xahar wara li jidħol fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Mejju 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.

⁽²⁾ Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽³⁾ ĠU C 56, tas-7.7.1962, p. 1606/62.

⁽⁴⁾ ĠU L 310, ta' l-4.12.1999, p. 7.

L-ANNEX

IN-NORMI GĦALL-FAŻOLA

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Din in-norma tapplika għall-fażola tal-varjetajiet (varjetajiet imnisla bil-kultivazzjoni) imkabbra mill-Phaseolus vulgaris L. u l-Phaseolus coccineus L. li jridu jiġu forniti friski lill-konsumatur, bl-eskluzzjoni tal-fażola għall-ipproċessar industrijali jew għall-kisi ('shelling').

II. DISPOSIZZJONIJET LI JIRRIGWARDAW IL-KWALITÀ

L-għan tan-norma huwa li tiddefinixxi l-ħtieġa tal-kwalità għall-fażola wara t-tħejjija u l-ippakkjar.

A. **Ħtiġiet minimi**

Fil-klassijiet kollha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, il-fażola trid tkun:

- bla mittiefsa ⁽¹⁾,
- b'saħħtu; il-prodott affettwat mit-tinwir jew mid-deterjorazzjoni hekk li jagħmlu mhux tajjeb għall-konsum jiġi mwarrab,
- nadif, prattikament ħieles għal kollox minn kull materjal barrani li jidher,
- frisk fid-dehra,
- ħielsa mill-parċmina (endodem iebes),
- prattikament ħieles mid-dud u l-insetti qerrieda,
- prattikament ħieles mill-ħsara kawżata mid-dud u l-insetti qerrieda,
- ħieles minn umdita mhux tas-soltu fuq barra,
- ħieles minn kull riħa u/jew toġhma barranin.

L-iżvilupp u l-kondizzjoni tal-fażola jridu jkunu tali illi jgħinuha:

- jiflaħ għall-ġarr u t-tqandil bl-idejn, u
- jasal f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika**

Il-fażola hija klassifikata fi tliet klassijiet definiti hawn taħt.

(i) *Il-klassi "Extra"*

Il-fażola ta' din il-klassi trid tkun ta' kwalità superjuri. Trid Trid tkun karatteristika tal-varjeta' u/jew tip kummerċjali fir-rigward tal-forma, svilupp u kulur.

Trid tkun:

- wieqfa u faċilment tinqasam,
- tenera ħafna,
- dritta fmod prattiku,
- mingħajr ħajta.

Jekk ikun hemm iż-żerriegħa, trid tkun żgħira u ratba. Madankollu, il-fażola tat-tip 'needle' trid tkun mingħajr żerriegħa.

Trid tkun ħielsa mid-difetti għajr xi difetti ħfief ħafna u superfiċjali, jekk kemm-il darba din ma teffettwax id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni fil-pakkett.

(ii) *Għall-Klassi I*

Il-fażola li taqa' taħt din il-klassi trid ikun ta' kwalità tajba. Tri-Trid tkun karatteristika tal-varjeta' u/jew tat-tip kummerċjali fir-rigward tal-forma, svilupp u kulur.

Trid tkun:

- minfuħa,
- żgħira u tenera,
- prattikament mingħajr ħajta ħlief fil-każ tal-fażola għat-tqattiegħ.

Jekk ikun iż-żerriegħa, tridu tkun żgħira u ratba.

⁽¹⁾ Minħabba l-kultivazzjoni tal-fażola (bl-esklużjoni tal-fażola tat-tip 'needle') u l-grad tal-ħsara permissibbli fit-tarf taz-zokk skond it-tolleranzi indikati.

Id-difetti hfiel li ġejjin jistgħu, madankollu, jitħallew basta iżda illi dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni fil-pakkeġġ:

- difetti żgħir fil-forma,
- difett żgħir fil-kulur,
- difett ħafif fil-qoxra.

(iii) *Għall-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi l-fażola li ma tikkwalifikax biex tidħol fil-klassijiet l-iktar għolja iżda tissodisfa l-hteġġijiet minimi speċifikati hawn fuq.

Trid tkun:

- raġġonevolment tenera,
- ħielsa minn tikkek tas-sadid fil-każ ta' fażola tat-tip 'needle'.

Iż-żerriegħa, jekk preżenti, m'għandhomx ikunu kbar wisq u jridiu jkunu raġġonevolment ratba.

Jistgħu jitħallew id-difetti li ġejjin, basta iżda illi l-fażola iżżomm il-karatteristiċi tal-kwalità' essenzjali tagħha, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni:

- difetti fil-forma,
- difetti fil-kulur,
- difetti fil-qoxra,
- ħajt,
- tikkek żgħar tas-sadid ħlief fil-każ ta' fażola tat-tip 'needle'.

III. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-GĦOTI TAD-DAQS

Id-daqs huwa determinat mill-massimu wisa' tal-qoxra mkejla f'angoli ta' 90 grad mal-parti magħquda.

L-għoti tad-daqs huwa obligatorju għall-fażola tat-tip 'needle' biss, skond il-klassifikazzjoni segwenti:

- Tajba ħafna: Wisa' tal-qoxra li ma teċċedix is-6 mm,
- Tajba: Wisa' tal-qoxra li ma' teċċedix id-9 mm,
- Medja: Wisa' tal-qoxra li ma' teċċedix it-12 mm.

Fażola medja tat-tip 'needle' tista titqiegħed fil-klassi "Extra".

IV. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IT-TOLLERANZI

Jistgħu jiġu permessi tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs (jekk ikunu ġew imdaqqa) f'kull pakkett tal-prodott li ma jissodisfax il-hteġġijiet tal-klassi indikata,

A. Tolleranzi għall-kwalità

(i) *Il-klassi "Extra"*

5 % skond in-numru jew l-użin tal-fażola li ma tissodisfax il-hteġġijiet għall-klassi, iżda li tilħaq dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, li jidħol fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(ii) *Għall-Klassi I*

10 % skond in-numru jew l-użin tal-fażola li ma tissodisfax il-hteġġijiet għal din il-klassi, imma li tilħaq ddik tal-Klassi II jew, eċċezzjonalment, li tidħol fit-tolleranzi għal din il-klassi. Fost din it-tolleranza, massima ta' 5 % ikkalkulati skond in-numru jew il-piż jista' jkollha ħajt fil-każ ta' varjeta' u/jew tip kummerċjali li għandha tkun mingħajr ħajta.

Barra minn hekk, mhux aktar minn massimu ta' 15 % bin-numru jew bil-piż tal-fażola (bl-esklużjoni tal-fażola tat-tip 'needle') jista' jkollha z-zokk u sezzjoni żgħira tal-parti dejqa ta' l-għonq nieqsa, jekk kemm-il darba dan il-qxur jibqa' magħluq, niexef u mingħajr kulur.

(iii) *Għall-Klassi II*

10 % skond in-numru jew l-użin tal-fażola li ma jissodisfax il-hteġġijiet tal-klassi u lanqas il-hteġġijiet minimi, għajr il-prodott affettwati mill-Kolletotrichum lidemuthianum (marda tat-tikkekk tal-fażola), tħassir jew kwalunkwe deterjorazzjoni li jirrenduha mhux tajjeb għall-konsum.

Barra minn hekk, mhux iktar minn massimu ta' 30 % bin-numru jew bil-piż tal-fażola (bl-esklużjoni tal-fażola tat-tip 'needle') jista' jkollha iz-zokk u sezzjoni żgħira tal-parti rqiqa tal-parti nieqsa mill-għonq, jekk kemm-il darba dan il-qxur jibqa' magħluq, niexef u mingħajr kulur.

B. Tolleranzi għad-daqs

Għall-klassijiet (jekk imdaqqa): 10 % bin-numru jew bil-piż tal-fażola li ma tissodisfax ir-rekwiżiti fir-rigward tad-daqs.

V. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-PREŻENTAZZJONI**A. L-uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett irid ikun indaq u jkun fiha biss fażola ta' l-istess oriġini, varjetà jew tip kummerċjali, kwalità u daqs (jekk ikun ittieħed id-daqs tagħha).

Il-parti li tidher tal-kontenut tal-pakkeġġ trid tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. Il-pakkjar

Il-fażola trid ikun ippakkjata b'tali mod li jiġi jitħares il-prodott kif jixraq.

Il-materjali wżati għewwa l-pakkeġġ iridu jkunu ġodda, nodfa u tal-kwalità hekk li jevitaw milli jikkawżaw kull ħsara fuq barra u fuq għewwa tal-prodott. Huwa mhल्ली l-użu ta' materjali, partikolarment il-karta jew it-timbri li jgħorru speċifikazzjonijiet kummerċjali basta iżda illi l-istampar jew it-tikkettjar ikunu għew magħmula minn linka jew kolla li mhumiex tossiċi.

Il-pakkeġġi jridu jkunu ħielsa minn kull materjal barrani.

VI. DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-BEJGĦ FIS-SUQ

Kull-pakkeġġ irid iġorr il-partikolaritajiet li għejjin, f'ittri miġjuba fi gruppi fuq l-istess naħa, markati legġibilmnt u li ma jiġihassrux, u li jidhru minn fuq barra:

A. L-identifikazzjoni

Min jippakkja u jew min jiddispaċċja: l-isem u l-indirizz jew il-marka uffiċjali jew aċċettata tal-kodiċi. Madankollu, fejn tiġi wżata l-marka tal-kodiċi, ir-referenza "ippakkjat minn u/jew mibgħut minn" (jew taqsiriet ekwivalenti) għandhom jiġu indikati qrib haġna tal-marka tal-kodiċi.

B. In-natura tal-prodott

— "Fażola" u/jew tip kummerċjali tal-kontenut mhumiex viżibbli minn barra.

— L-isem tal-varjetà (fuq għażla).

C. L-orġini tal-prodott

— Il-pajjiż ta' l-orġini u, b'għażla, id-distrett fejn ikun tkabbar, jew l-isem nazzjonali, reġjonali jew tal-post (lokali).

D. L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali

— Il-klassi.

— Daqs:

— Għall-fażola tat-tip 'needle' indikat mill-kliem "tajbin haġna", "tajbin" jew "medji";

— għall-fażola oħra (jekk imdaqqa) indikata mill-wisa' minima u massima tal-qoxra.

E. Il-marka uffiċjali tal-kontroll (b'għażla)
